MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2004

Numru. 82/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**vs**

**JASON MICALLEF bin Angelo u Emanuela nee' Portelli, imwieled fid-sebgha (27) ta' Jannar, 1973 u residenti 12, Triq Kolaci, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 289990M**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JASON MICALLEF** bin Angelo u Emanuela nee' Portelli, imwieled fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar, 1973 u residenti 12, Triq Kolaci, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 289990(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat:

1. Talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, fil-perjodu ta’ bejn it-tmienja (8) ta’ Gunju 2003 u l-erbatax (14) ta’ Gunju 2003, mill-hanut Sound & Vision – Triq Enrico Mizzi, Victoria – Ghawdex, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta’ cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta’ l-Erbatax –il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta’ l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51, 77 (a) u (e) u 82 (2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;

2. Talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu imhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2 u 3 ta’ l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51, 77 (a) u (e) u 82 (2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;

Peress illi jirrizulta li hemm taxxa perikolata ta’ Lm108.52c, il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija, timponi multa ohra li tkun daqs ghaxar darbiet it-taxxa perikolata, u dan skond l-artikolu 77 ta’ l-Att Numru XXIII ta’ l-1998.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti hemm esibiti fosthom l-letter to prosecute.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Paul Scicluna.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fis-seduta tal-erbgha ta’ Marzu 2004.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-ewwel akkuza kif dedotti kontra tieghu.

Ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51, 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998, **tiddikjara li ssib lil imputat JASON MICALLEF hati tal-ewwel akkuza kif dedotta kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mija u hamsin (150) lira maltin filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati tat-tieni w it-tielet akkuza, stante li ma gewx ippruvati ghas-sodisfazzjon taghha, mill-liema zewg akkuzi konsegwentement qed tilliberah.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------